*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, meta l-Bord tal-Appell: (i) min-naħa ddikjara korrettament li "Castell" kienet indikazzjoni ta' oriġini rikonuxxuta f'relazzjoni mal-inbid, iżda min-naħa l-oħra, żbalja meta kkunsidrat li t-trade mark ikkontestata "CASTEL" kienet differenti b'mod kospikwu minn "Castell" u għaldaqstant, ikkonkluda li t-trade mark ikkontestata setgħet tiġi rreġistrata, (ii) qal li "CASTEL" kienet kelma użata komunement għal "kastell" fl-industrija tal-inbid, u naqas milli jikkonkludi li "CASTEL" ma setgħetx tiġi rreġistrata; Ksur tal-Artikoli 63, 64, 75 u 76 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell ma ħax biżżejjed inkunsiderazzjoni l-fatti u l-argumenti mressqa; Ksur tal-Artikolu 65 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell aġixxa *ultra vires* meta ġġustifika d-deċiżjoni tiegħu permezz ta' "koeżistenza paċifika", għalkemm din id-dottrina mhijiex ċara għall-kunsiderazzjoni tar-reġistrazzjoni ta' trade mark.

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awissu 2010 — SA.PAR. vs UASI — Salini Costruttori (GRUPPO SALINI)

**(Kawża T-321/10)**

(2010/C 260/34)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* SA.PAR. Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: A. Masetti Zannini de Concina, avukat, M. Bussoletti, avukat, G. Petrocchi, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Salini Costruttori SpA (Ruma, l-Italja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tilqa' r-rikors preżenti.

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-21 ta' April 2010, minħabba ksur tal-Artikoli 52(1)(b) u 53(1)(a) tar-RMC u minħabba nuqqas ta' motivazzjoni.

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-kawża preżenti kif ukoll għal dawk tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* trade mark verbali "GRUPPO SALINI" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 3 832 161), għal servizzi fil-klassijiet 36, 37 u 42

*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti.

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* SALINI COSTRUTTORI S.p.A.

*Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità:* trade mark magħrufa sew fl-Italja, trade mark *de facto*, l-isem ta' dominju u l-isem ta' kumpannija "SALINI", għal servizzi fil-klassijiet 36, 37 u 42.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata u trade mark Komunitarja ddikjarata invalida.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 53(1)(a), moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) u (2)(c), kif ukoll ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja, u nuqqas ta' motivazzjoni.

## Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2010 — Clasado vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-322/10)**

(2010/C 260/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Clasado Ltd. (Milton Keynes, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: G.C. Facenna, Barrister, M.E. Guinness u M.C. Hann, Solicitors)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla l-partijiet tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2010 ([1]) u Nru 384/2010 ([2]), tal-5 ta' Mejju 2010, li jirrigwardaw l-istqarrijiet li jirrigwardaw is-saħħa ppreżentati mir-rikorrenti fir-rigward tal-Bimuno$^{BT}$ (BGOS) Prebiotic; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob, skont l-Artikolu 263 TFUE, l-annullament ta' dawk il-partijiet tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2010 u Nru 384/2010, tal-5 ta' Mejju 2010, fejn ġie deċiż li l-istqarrijiet li jirrigwardaw is-saħħa ppreżentati mir-rikorrenti fir-rigward ta' Bimuno$^{BT}$ (BGOS) Prebiotic, suppliment tal-ikel prebiotiku intiż sabiex isostni lis-sistema immunitarja u s-saħħa gastrointestinali fil-bnedmin, u sabiex inaqqas ir-riskju ta' dijarea tal-vjaġġaturi, ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 ([3]), u li għaldaqstant ma għandhomx jiġu awtorizzati.

Insostenn ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti tippreżenta l-motivi li ġejjin:

L-ewwel nett, il-Kummissjoni kisret forma proċedurali essenzjali meta adottat ir-regolamenti inkwistjoni, b'mod partikolari, dik tal-possibbiltà għar-rikorrenti u għall-pubbliku sabiex jgħarrfu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli 16(6) u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006.

It-tieni nett, meta għamlet dan, il-Kummissjoni injorat b'mod żbaljat l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 ([4]), li huwa intiż sabiex jiżgura li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel twettaq l-attivitajiet tagħha b'livell għoli ta' trasparenza.

Apparti dan, billi kkonkludiet li l-kummenti supplementarji tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar ir-rikorsi tar-rikorrenti tal-4 ta' Diċembru 2009 ma jikkostitwux opinjoni, jew parti mill-opinjoni, li ssir riferenza għaliha fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, ir-regolamenti inkwistjoni ġew addotati fuq il-bażi ta' żball ta' liġi.

Barra minn hekk, ir-regolamenti kkontestati tal-Kummissjoni ġew adottati bi ksur tad-dritt ta' smigħ ta' Clasado, taħt l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([5]), u l-aspettativi leġittimi tagħha.

Fl-aħħar, il-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li huwa wieħed mill-prinċipji ġenerali komuni fit-tradizzjonijiet kostituzzjonali tal-Istati Membri, u b'mod partikolari l-obbligu tagħha bħala leġiżlatur taħt l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 li twettaq eżami dilliġenti u indipendenti tal-materjal rilevanti kollu ppreżentat quddiemha.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 382/2010, tal-5 ta' Mejju 2010, li ma jagħtix kunsens li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet li jirrigwardaw is-saħħa fuq il-prodotti tal-ikel, għajr dawk li jirreferu għal tnaqqis ta' riskju ta' mard u ta' riskju għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal (ĠU L 113, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 384/2010, tal-5 ta' Mejju 2010, dwar l-awtorizzazzjoni u ċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa fuq il-prodotti tal-ikel u li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 113, p. 6).

([3]) Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, p. 9).

([4]) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 15, Vol. 06, p. 463).

([5]) Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, p. 389).